MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 36/2010

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u C B f' isimha proprju**
**u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li pendenti s-separazzjoni personali bejn l-attur u martu C B, dina weldet it-tifla D fid-9 ta' Novembru 2009 minn relazzjoni extra-matrimonjali; li din it-tifla giet registrata fuq l-att tat-twelid taghha nurmu 3921/2009 bhala bint l-attur, filwaqt li fil-fatt l-attur mhuwiex il-missier bijologiku ta' din it-tifla; li pendenti s-separazzjoni personali l-partijiet ma kellhomx relazzjonijiet intimi; li

ghalhekk din it-tifla mhijiex il-wild ta' l-attur; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li din it-tifla mhijiex il-wild naturali ta' l-attur; [2] u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta C B qabblet mal-fatti ndikati mill-attur, u mat-talbiet tieghu; u tghid li missier it-tarbija huwa E F;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista E Farrugia u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta pacifku li l-partijiet isseparaw de facto fis-sena 2005, u minn dak iz-zmien 'il quddiem huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi.

Illi minn relazzjoni adultera da parti tal-konvenuta C B ma' E F, twieldet it-tifla D fid-9 ta' Novembru 2009.

Illi l-partijiet jaqblu li din it-tifla mhijiex il-wild naturali ta' l-attur.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma din it-tezi, stante li jeskludi lill-attur bhala l-missier naturali tat-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifla D li twieldet mill-konvenuta C B fid-9 ta' Novembru 2009 mhijiex il-wild naturali tieghu; u konsegwenzjalment tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid.

L-ispejjez jkunu sopportati kollha mill-konvenuta C B f' isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------